MALTA

# TRIBUNAL GHAL TALBIET ZGHAR

## GUDIKATUR DR.

## NADIA H. VELLA

Seduta tal-11 ta' April, 2014

Talba Numru. 644/2013

**GO p.l.c. C22334**

**vs.**

**Blears Alan K.I. 25562(A)**

It-Tribunal

Ra l-Avviż tat-talba, fl-ismijiet premessi, ippreżentat fl-1 t'Ottubru 2013, illi permezz tiegħu is-soċjeta attriċi talbet il-ħlas mingħand il-konvenut tas-somma ta' erbgħa mija u sitta u sittin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€466.25c), liema ammont huwa dovut in konnessjoni mas-servizzi ta' televiżjoni, internet u telefon, kont numru *A/C 10044901* mogħtija mis-soċjeta' attriċi lill-konvenut;

Ra li mill-atti jirriżulta li għalkemm il-konvenut ġie debitament notifikat kemm bl-Avviż tat-Talba u wkoll bl-Avviż tas-Seduta, huwa ma kkontestax il-kawża fit-terminu preskritt mil-liġi u lanqas ma deher għas-seduti li nżammu quddiem it-Tribunal.

Ra l-Kapitolu li ġie ppreżentat mis-soċjeta′ attriċi u l-fatt li l-konvenut naqas li jidher sabiex jirrispondih, u għalhekk għandu jittieħed bħala mistqarr.

Għaldaqstant, peress li t-talba tas-soċjeta′ attriċi tirriżulta sodisfaċentement ippruvata, it-Tribunal jilqa' t-talba attriċi u konsegwentement jikkundanna lill-konvenut iħallas lis-soċjeta′ attriċi s-somma ta' erbgħa mija u sitta u sittin ewro u ħamsa u għoxrin ċenteżmu (€466.25c), bl-imgħax legali dekorribbli mill-1 ta' Ottubru 2013, li hija d-data tal-preżentata tal-Avviż tat-Talba fl-ismijiet premessi, sad-data tal-pagament effettiv.

L-ispejjeż huma a kariku tal-konvenut.

## < Sentenza Finali >

--------------------------------TMIEM--------------------------------